LUQA

Minuti tal-Laqgħa Nru. 9 tal-Ħames Kunsill Lokali Luqa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar il-Tlieta, 20 ta' Novembru 2007 fit-3.00 p.m.

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | Il-Membri |
| Is-Sindku | Is-Sur John Schembri |
| Il-Viċi Sindku | Is-Sur Joseph Scicluna |
| Il-Kunsilliera | Is-Sur Victor Caruana<br>Dr Frank Psaila<br>Is-Sur Joseph Piscopo A.Mus.L.C.M.<br>Is-Sur Joseph Camilleri<br>Is-Sinjura Lucia Massa |
| **L-Uffiċjali:**<br>Is-Segretarju Eżek. | <br>Is-Sur Michael Borg |

## AĠENDA

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti
2. Riferenzi għall-Minuti
3. Korrispondenza
4. Ħlasijiet

LUQA

## 1. QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1 Inqraw il-Minuti tal-Laqgħa Nru 8 li, peress li ma kienx hemm emendi għalihom, ġew approvati fuq mozzjoni tas-Sur Joe Camilleri ssekondata mis-Sur Joseph Scicluna.

## 2. REFERENZI GĦALL-MINUTI

2.1 Dwar il-Konferenza fuq il-50 Sena tat-Trattat ta' Ruma u l-Ġemelaġġ mal-Belt ta' Fiumicino, is-Sur Victor Caruana ried li jingħata tagħrif dwarhom. It-Tagħrif mitlub ingħata mis-Sindku John Schembri.

2.2 Is-Sur Victor Caruana staqsa għala hu ma ġiex mistieden biex jagħmel parti mid-delegazzjoni li se tattendi għall-Konferenza ta' Fiumicino. Is-Sindku qal li kien hu stess (J. Schembri) li ppropona biex Frank Psaila jagħmel parti mid-delegazzjoni u l-Kunsill qabel li Luċija Massa tkun bħala sostituta f'każ li xi ħadd mill-membri tad-delegazzjoni jirtira.

## 3. KORRISPONDENZA

3.1 Is-Sindku ta resume' tal-korrispondenza kollha li daħlet sal-20 ta' Novembru 2007, fosthom ;

a) ittra mill-*Agricultural Co-operative Ltd* dwar il-Bumunqar Aħmar tal-Palm u l-ħsara li dan jagħmel lis-siġar tal-palm. L-ittra titlob għal laqgħa ma' rappreżentant tal-Kunsill biex jingħata aktar tagħrif. Il-Kunsill inkariga lis-Sur Joe Camilleri biex jiltaqa' ma' ufficjali tal-Koperattiva.

b) email mill-AKL dwar il-laqgħa tas-Sindki u l-Viċi Sindki li se ssir fil-lukanda Calypso, Għawdex, fit-30 ta' Novembru u l-1 ta' Diċembru 2007.

c) ittra mill-Margaret Mortimer Girls' Juniour Lyceum li titlob għal donazzjoni għall-pubblikazzjoni ta' kalendarju li jikkonċerna l-lokalitajiet ta' l-istudenti li jattendu dik l-iskola. Il-Kunsill qabel li jagħti donazzjoni ta' Lm20.

d) email mill-AKL dwar il-kampanja kotra l-vjolenza domestika u li għaliha kull Kunsill qabel li jagħti donazzjoni ta' Lm10.

I. Wara l-Korrispondenza s-Sur Victor Caruana ġibed l-attenzjoni dwar il-ħin tal-laqgħat. Qal li dawn għandhom isiru fil-ħin tax-xitwa fis-6.30 p.m. peress li fil-ħin tat-3.00 p.m. kemm hu kif ukoll il-kollega tiegħu Frank Psaila jkunu okkupati, b'dan ta' l-aħħar bi programm fuq ir-radju sas-6.00 p.m. Is-Sindku wieġeb li kemm hu (is-Sindku) kif ukoll il-kollegi tiegħu jkollhom impenji oħra tal-Partit wara s-6.00 p.m. l-iżjed issa li diġa' qegħdin f'kampanja elettorali. Żied igħid li minn Jannar 2008 'il hemm naraw kif se nkunu biex jekk ikun possibbli l-laqgħat isiru fis-6.30 p.m.

**II.** Is-Sur Victor Caruana ġibed l-attenzjoni dwar Triq Sir Ugo Mifsud fejn hemm xebgħa toqob u li għandha bżonn tiswija ġenerali, filwaqt li Triq Tumas Galea hemm bżonn li jsir *scurrifying.* Dwar Triq Sir Ugo Mifsud is-Sindku wieġeb li l-kuntrattur aċċetta li din it-triq jerġa' jagħmilha

LUQA

imma meta jkollu xogħol ieħor ta' toroq, filwaqt li dwar Triq Tumas Galea s-Sindku qal li din hija waħda mill-prijoritajiet tal-Kunsill.

III Is-Sur Caruana ssuġġerixxa li ssir speċi ta' '' *joint venture* '' mal-Kunsill Lokali Gudja dwar is-salib li hemm fi Triq il-Gudja biex jiġi restawrat. Huwa ssuġġerixxa li dwar dan tintbagħat ittra lill-Kunsill tal-Gudja, kif ukoll ittra lill-Kappillan dwar in-niċċa. Il-Kunsill qabel li tintbagħat ittra lill-Kunsill tal-Gudja, filwaqt li dwar in-niċċa li kien hemm fi Triq San Pawl, is-Sindku nkariga lis-Sur Caruana biex jitkellem mal-Kappillan dwar jekk huwiex lest (il-Kappillan) jagħtina l-Madonna biex tkun tista' ssir in-niċċa.

IV Is-Sinjura Luċija Massa espremiet ix-xewqa tal-Kap ta' l-Iskola Primarja tal-lokali biex jitwaħħlu xi *litter-bins* ħdejn l-iskola.. Is-Sindku wieġeb li l-bankina hemmhekk ma tippermettix minħabba li m'hemmx wisgħa. Madankollu l-Kunsill qabel ma' suġġeriment tas-Sinjura Massa li dawn jitwaħħlu fuq il-bankina opposta ħdejn '' *Henry* ''.

V Is-Sinjura Luċia Massa rreferiet għal-lezzjonijiet tal-''*keep-fit*'' li hemm il-ħsieb li jiġu organizzati. Qalet li l-għalliema se tieħu Lm15 kull darba filwaqt li l-ħlas mill-pubbliku jkun ta' Lm1.25 kull lezzjoni. Żiedet tgħid li dwar dan irridu nagħmlu l-avviż għall-pubbliku.

## 4. ĦLASIJIET

4.1 Il-Kunsill approva l-ħlasijiet kollha li daħlu sal-20 ta' Novembru 2007 u li lista tagħhom ġiet ippreżentata mis-Segretarju Eżekuttiv.

- Peress li ma kienx hemm items oħra x'jiġu diskussi, fl-4.00 p.m. is-Sindku ddikjara l-laqgħa bħala magħluqa.

➢ Konfermati llum 27 ta' Diċembru 2007.

| | |
|---|---|
| John Schembri<br>Sindku | Michael Borg<br>Segretarju Eżekuttiv |